KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
PRIIT PIKAMÄE
ippreżentati fit-2 ta' Ottubru 2019 [1]

Kawża C-442/18 P

Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)
vs

Espírito Santo Financial (Portugal), SGPS, SA

"Appell – Aċċess għal dokumenti – Aċċess għad-deċiżjoni tal-BĊE tal-1 ta' Awwissu 2014 li tissospendi lil Banco Espírito Santo SA bħala kontroparti eliġibbli fiż-żona tal-euro u li tobbliga lil dan il-bank jirrimborsa dejn ta' diversi biljuni ta' euro, kif ukoll kull dokument marbut ma' din id-deċiżjoni – Rifjut tal-għoti ta' aċċess sħiħ"

I. Introduzzjoni

1. Permezz tal-appell tiegħu, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jitlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-26 ta' April 2018, Espírito Santo Financial (Portugal) vs BĊE [2], li permezz tagħha din annullat id-deċiżjoni tal-BĊE tal-1 ta' April 2015 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża") li tirrifjuta parzjalment l-aċċess għal ċerti dokumenti relatati mad-deċiżjoni tal-BĊE tal-1 ta' Awwissu 2014, inkwantu din kienet tikkonċerna l-ammont tal-kreditu li jidher fl-estratti tal-minuti tad-deċiżjoni tal-Kunsill Regolatorju tal-BĊE (iktar 'il quddiem il-"Kunsill Regolatorju") tat-28 ta' Lulju 2014 kif ukoll l-informazzjoni moħbija fil-proposti tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE tat-28 ta' Lulju u tal-1 ta' Awwissu 2014.

2. Insostenn tal-appell tiegħu, il-BĊE jinvoka aggravju uniku li jsostni li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat b'mod żbaljat li, meta huwa jirrifjuta l-aċċess għall-informazzjoni relatata mat-tmexxija tal-politika monetarja, huwa għandu l-obbligu li jipprovdi motivazzjoni li tippermetti li jinftiehem u jiġi vverifikat kif, speċifikament u attwalment, l-aċċess għal din l-informazzjoni jippreġudika l-interess pubbliku f'dak li jirrigwarda l-kunfidenzjalità tad-deliberazzjonijiet tal-korpi deċiżjonali tiegħu.

3. Din il-kawża tagħti għalhekk lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tiddeċiedi fuq il-kwistjoni fundamentali dwar liema, mill-prinċipju ta' kunfidenzjalità jew mill-prinċipju ta' trasparenza, japplika fir-rigward tad-deliberazzjonijiet ta' wieħed mill-korpi deċiżjonali tal-BĊE, dilemma li trid tiġi solvuta abbażi kemm tad-Deċiżjoni 2004/258/KE [3] kif ukoll tad-dritt primarju.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 T-251/15, mhux ippubblikata, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2018:234.

3 Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-4 ta' Marzu 2004 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 5, p. 51).

II. Il-kuntest ġuridiku

A. L-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE

4. L-Artikolu 10.4 tal-Protokoll Nru 4 dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-BĊE [4] (iktar 'il quddiem l-"Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE") jiddisponi:

"Il-proċeduri tal-laqgħat ikunu kunfidenzjali. Il-Kumitat Regolatoru jista' jiddeċiedi li jippubblika r-riżultat tad-deliberazzjonijiet tiegħu."

B. Ir-Regoli tal-Proċedura tal-BĊE

5. L-Artikolu 23.1 tad-Deċiżjoni BĊE/2004/2 [5], intitolat "Kunfidenzjalità ta', u aċċess għal, dokumenti tal-ECB", essenzjalment jiddisponi li l-laqgħat tal-korpi deċiżjonali tal-BĊE, jew kwalunkwe kumitat jew grupp imwaqqaf minnhom huma kunfidenzjali sakemm il-Kunsill Regolatorju ma jawtorizzax lill-President biex jippubblika l-eżitu tad-diskussjonijiet tagħhom.

C. Id-Deċiżjoni 2004/258

6. Skont l-Artikolu 1 tagħha, id-Deċiżjoni 2004/258 għandha l-għan li "tiddefinixxi l-kundizzjonijiet u l-limiti li skondhom il-ECB għandu jagħti aċċess pubbliku għad-dokumenti tiegħu".

7. Skont l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 2004/258, "[k]ull ċittadin ta' l-Unjoni, u kull persuna naturali jew legali li toqgħod jew li għandha l-uffiċċju rreġistrat f'xi Stat Membru, għandha dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-ECB [BĊE], bla ħsara għall-kundizzjonijiet u l-limiti stabbiliti f'din id-Deċiżjoni".

8. L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2004/258, intitolat "Eċċezzjonijiet", jiddisponi fil-paragrafu 1(a) tiegħu, u fil-paragrafi 3 u 6 tiegħu:

"1. Il-ECB għandu jiċħad l-aċċess għal dokument meta l-pubblikazzjoni ddgħajjef il-protezzjoni ta':

(a) l-interess pubbliku dwar:

– il-kunfidenzjalita' tal-proċedimenti tal-korpi tal-ECB fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet,

[…]

3. Fir-rigward tad-dokumenti ta' terzi partijiet, il-ECB għandu jikkonsulta mat-terza parti interessata bil-għan li teżamina jekk eċċezjoni f'dan l-Artikolu hijiex applikabbli, sakemm ikun ċar li d-dokument għandu jew m'għandux jiġi kkomunikat.

[…]

4 ĠU 2012, C 326, p. 230.

5 Deċiżjoni tal-BĊE tad-19 ta' Frar 2004 li taddotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 5, p. 46), kif emendata bid-Deċiżjoni BĊE/2014/1 tat-22 ta' Jannar 2014 (ĠU 2014, L 95, p. 56) (iktar 'il quddiem ir-"Regoli tal-Proċedura tal-BĊE").

6. L-eċċezzjonijiet kif stabbiliti f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw biss għall-perjodu li matulu l-protezzjoni hija ġġustifikata abbażi tal-kontenut tad-dokument. L-eċċezzjonijiet jistgħu japplikaw għal perjodu massimu ta' 30 sena sakemm ipprovdut speċifikament mod ieħor mill-Kunsill Governattiv tal-ECB [BĊE]. Fil-każ ta' dokumenti koperti bl-eċċezzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' interessi ta' privatezza u kummerċjali, l-eċċezzjonijiet jistgħu jkomplu japplikaw wara dan il-perjodu."

III. Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjoni kontenzjuża

9. Espírito Santo Financial (Portugal), SGPS, SA (iktar 'il quddiem "ESF") hija kumpannija holding taħt id-dritt Portugiż li hija s-suġġett ta' proċedura ta' insolvenza. Hija kienet waħda mill-azzjonisti prinċipali ta' Banco Espírito Santo SA (iktar 'il quddiem "BES").

10. Suġġett għal pressjonijiet finanzjarji u minħabba li l-pożizzjoni tal-likwidità tagħha bdiet tiddeterjora, BES irrikorriet, mix-xahar ta' Mejju 2014, għal kreditu mill-Eurosistema u bdiet tirċievi, mix-xahar ta' Lulju 2014, likwidità ta' emerġenza pprovduta minn Banco de Portugal, il-bank ċentrali tal-Portugall.

11. Fit-23 ta' Lulju 2014, il-Kunsill Regolatorju tal-BĊE l-ewwel nett iddeċieda li ma jopponix, sal-laqgħa ordinarja sussegwenti, l-għoti ta' likwidità ta' emerġenza lil BES sa ċertu limitu.

12. Sussegwentement, fuq proposta tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE tat-28 ta' Lulju 2014, il-Kunsill Regolatorju tal-BĊE ddeċieda, fl-istess jum, li jżomm l-aċċess ta' BES għall-"istrumenti ta' kreditu tal-politika monetarja", filwaqt li "jiffriża" kreditu kurrenti pprovdut lil BES, lill-fergħat tagħha u lis-sussidjarji tagħha permezz tal-imsemmija strumenti "fil-livell attwali". Konsegwentement, l-ammont tal-kreditu pprovdut lil dawn l-entitajiet permezz ta' kreditu tal-Eurosistema ġie limitat għal-livell li kien jinsab fih fit-28 ta' Lulju 2014.

13. Sussegwentement, fuq proposta tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE tal-1 ta' Awwissu 2014, il-Kunsill Regolatorju tal-BĊE ddeċieda, fl-istess jum, b'mod partikolari, li jissospendi l-aċċess ta' BES u tal-fergħat tagħha għall-istrumenti ta' kreditu tal-politika monetarja għal raġunijiet ta' prudenza u ordna li BES tirrimborsa, sa mhux iktar tard mill-4 ta' Awwissu 2014, il-kreditu kollu mogħti fil-kuntest tal-Eurosistema. Din id-deċiżjoni ġiet irreġistrata f'rapport, li fih kien hemm ukoll il-limitu massimu tal-provvista ta' likwidità ta' emerġenza li seta' jingħata minn Banco de Portugal lil BES.

14. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-awtoritajiet Portugiżi ddeċidew li jissuġġettaw lil BES għal proċedura ta' riżoluzzjoni. Sussegwentement, inbdiet proċedura ta' falliment fil-konfront ta' ESF.

15. Permezz ta' ittra tal-5 ta' Novembru, ESF talbet lill-BĊE l-aċċess għad-deċiżjoni tal-Kunsill Regolatorju tal-1 ta' Awwissu 2014, kif ukoll għad-dokumenti kollha fil-pussess tal-BĊE marbuta "b'xi mod jew ieħor" ma' din id-deċiżjoni.

16. Il-BĊE ta segwitu għal din l-ittra u, b'mod partikolari, ta lil ESF aċċess parzjali għall-proposti tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE tat-28 ta' Lulju u tal-1 ta' Awwissu 2014 kif ukoll għall-estratti mill-minuti tad-deċiżjonijiet tat-28 ta' Lulju u tal-1 ta' Awwissu 2014.

17. Permezz ta' ittra tal-4 ta' Frar 2015, ESF ressqet talba konfermattiva lill-BĊE, li fiha hija kkunsidrat li l-motivazzjoni pprovduta mill-BĊE intiża sabiex tiġġustifika r-rifjut ta' aċċess sħiħ għal ċerti dokumenti mitluba kienet vaga u ġenerali wisq. Barra minn hekk, ESF talbet l-aċċess, minn naħa, għall-ammonti li kienu ġew moħbija fl-estratti tal-minuti tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill Regolatorju tat-28 ta' Lulju u tal-1 ta' Awwissu 2014 li tqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħha, jiġifieri l-ammont ta' kreditu mogħti lil BES, lill-fergħat u lis-sussidjarji tagħha kif ukoll l-ammont tal-limitu tal-provvista ta' likwidità ta' emerġenza li seta' jingħata lil BES u, min-naħa l-oħra, għal ċerta informazzjoni li nħbiet fil-proposti tat-28 ta' Lulju u tal-1 ta' Awwissu 2014.

18. Permezz ta' ittra tal-1 ta' April 2015, wara li estenda t-terminu għar-risposta għat-talba konfermattiva, il-BĊE żvela lil ESF informazzjoni supplimentari li kienet tinsab fil-proposti tal-Bord Eżekuttiv tat-28 ta' Lulju u tal-1 ta' Awwissu 2014. Għall-kumplament, skont l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2004/258, il-BĊE kkonferma r-rifjut li jingħata aċċess għall-ammonti moħbija fl-estratti tal-minuti tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill Regolatorju tat-28 ta' Lulju u tal-1 ta' Awwissu 2014 kif ukoll għal ċerti siltiet imħassra tal-proposti tat-28 ta' Lulju u tal-1 ta' Awwissu 2014.

IV. Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

19. Permezz tar-rikors tagħha, ESF talbet l-annullament tad-deċiżjoni impliċita meħuda mill-BĊE fl-4 ta' Marzu 2015, l-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża, kif ukoll il-kundanna tal-BĊE għall-ispejjeż.

20. Il-BĊE talab li dan ir-rikors jiġi miċħud u li ESF tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

21. Il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni kontenzjuża, inkwantu l-BĊE kien irrifjuta l-aċċess għall-ammont ta' kreditu li jidher fl-estratti tal-minuti tad-deċiżjoni tal-Kunsill Regolatorju tat-28 ta' Lulju 2014, kif ukoll għall-informazzjoni moħbija fil-proposti tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE tat-28 ta' Lulju u tal-1 ta' Awwissu 2014. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-kumplament tar-rikors.

V. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

22. Permezz ta' att ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-5 ta' Lulju 2018, il-BĊE ppreżenta dan l-appell.

23. L-ewwel nett, il-BĊE jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja tannulla l-ewwel punt tad-dispożittiv tas-sentenza appellata. Sussegwentement, huwa jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad ukoll ir-rikors għal dak li jirrigwarda r-rifjut tiegħu li jiżvela l-ammont tal-kreditu fl-estratti tal-minuti li jirreġistraw id-deċiżjoni tal-Kunsill Regolatorju tat-28 ta' Lulju 2014 jew, sussidjarjament, li tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċiedi dwar ir-rikors. Fl-aħħar nett, huwa jitlob li l-ESF tiġi kkundannata għal żewġ terzi tal-ispejjeż u l-BĊE għal terz tal-ispejjeż.

24. Insostenn tal-appell tiegħu, il-BĊE jinvoka aggravju uniku bbażat fuq żball ta' liġi mwettaq mill-Qorti Ġenerali fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 10.4 tal-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE u tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1)(a) tad-Deċiżjoni 2004/258. Permezz ta' dan l-aggravju, huwa jikkritika l-punti 124 u 161 tas-sentenza appellata, moqrija flimkien mal-punti 54 sa 56 u 75 sa 81 tagħha. B'mod iktar preċiż, il-BĊE jikkunsidra li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet b'mod żbaljat li, billi rrifjuta l-aċċess għall-informazzjoni li tinsab fl-estratti tal-minuti tad-deċiżjoni tat-28 ta' Lulju 2014, il-BĊE kien obbligat li jipprovdi motivazzjoni li tippermetti li jinftiehem u li jiġi vverifikat kif, konkretament u effettivament, l-aċċess għal din l-informazzjoni jippreġudika l-interess pubbliku f'dak li jirrigwarda l-kunfidenzjalità tad-deliberazzjonijiet tal-korpi deċiżjonali tiegħu.

25. Il-BĊE jsostni, fl-appell tiegħu, li l-prinċipju ta' kunfidenzjalità tal-laqgħat tal-Kunsill Regolatorju, stabbilit, għal dak li jirrigwarda d-dritt primarju, fl-Artikolu 10.4 tal-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE, huwa ddikjarat mill-ġdid fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1)(a) tad-Deċiżjoni 2004/258. Huwa jsostni li din l-aħħar dispożizzjoni għandha tiġi interpretata b'mod konformi ma' dak il-prinċipju.

26. Issa, matul is-seduta, il-BĊE ammetta li teżisti ċerta tensjoni bejn l-Artikolu 4(1)(a) tad-Deċiżjoni 2004/258 u d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt primarju. Huwa jqis li din it-tensjoni għandha tiġi rrimedjata billi d-Deċiżjoni 2004/258 tiġi interpretata fid-dawl tad-dritt primarju u tal-prinċipju ta' kunfidenzjalità tad-deliberazzjonijiet tal-korpi deċiżjonali tal-BĊE.

27. ESF titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell u tikkundanna lill-BĊE għall-ispejjeż.

VI. Analiżi

28. Kif espost iktar 'il fuq, fl-appell tiegħu, il-BĊE jqajjem aggravju uniku bbażat fuq żball ta' liġi mwettaq mill-Qorti Ġenerali fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 10.4 tal-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE u tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1)(a) tad-Deċiżjoni 2004/258.

29. Għandu jiġi rrilevat li l-argumenti tal-BĊE, invokati insostenn ta' dan l-aggravju, ma jikkontestawx il-validità tad-Deċiżjoni 2004/258 iżda jirrigwardaw essenzjalment il-fatt li din id-deċiżjoni ma tistax tinftiehem bħala li tistabbilixxi modalitajiet ta' aċċess għad-dokumenti li jiksru d-dritt primarju.

30. Fid-dawl tal-argumenti mressqa mill-BĊE, ser nippreżenta, qabel kollox, id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt primarju fil-qasam tal-aċċess għad-dokumenti tal-BĊE u, b'mod iktar speċifiku, għar-riżultati tad-deliberazzjonijiet tal-korpi deċiżjonali tiegħu. B'dan il-mod, ser niddefinixxi l-prinċipju li jirregola l-aċċess għal tali dokumenti (Taqsima A). Imbagħad ser neżamina, fid-dawl ta' dan il-prinċipju, l-implikazzjonijiet tal-fatt li l-Kunsill Regolatorju jista' jiddeċiedi li jiżvela r-riżultat tad-deliberazzjonijiet tiegħu (Taqsima B). Fl-aħħar nett, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, ser neżamina l-portata tal-obbligu ta' motivazzjoni fil-każ ta' rifjut ta' aċċess għad-dokumenti bbażat fuq l-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1)(a) tad-Deċiżjoni 2004/258 (Taqsima C).

A. Il-prinċipju applikabbli fir-rigward tal-aċċess għad-dokumenti tal-BĊE fuq il-livell tat-Trattati

31. Għandu l-ewwel nett jiġi osservat li l-prinċipju ta' trasparenza huwa stabbilit fl-Artikoli 1 u 10 TUE kif ukoll fl-Artikolu 15 TFUE [6], peress li dawn id-dispożizzjonijiet jikkostitwixxu, għal dak li jirrigwarda d-dritt primarju, il-bażi tal-kuntest ġuridiku li jirregola l-aċċess għad-dokumenti miżmuma mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Fil-fatt, bl-inklużjoni tar-rwol tal-Artikolu 255 TKE, l-Artikolu 15 TFUE, introdott wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, wessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-prinċipju ta' trasparenza tad-dritt tal-Unjoni [7].

32. B'mod iktar preċiż, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 15(3) TFUE jistabbilixxi d-dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni li għandhom kull ċittadin tal-Unjoni u kull persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li jkollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fi Stat Membru, dritt li huwa kkonfermat fl-Artikolu 42 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Il-korollarju tad-dritt ta' aċċess għad-dokumenti huma l-obbligi ta' trasparenza li għandhom dawn l-istituzzjonijiet. Il-limiti tad-dritt ta' aċċess għad-dokumenti u tal-obbligi ta' trasparenza, kif jipprevedi t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15(3) TFUE, huma stabbiliti permezz ta' regolamenti.

33. Madankollu, skont ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 15(3) TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment kif ukoll il-BĊE huma suġġetti għall-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 15(3) TFUE biss meta jeżerċitaw funzjonijiet amministrattivi. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-kundizzjonijiet li jirregolaw l-aċċess għad-dokumenti li huma miżmuma minn waħda mill-istituzzjonijiet imsemmija fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 15(3) TFUE u li jirrigwardaw l-attività mhux amministrattiva ta' dik l-istituzzjoni ma jistgħux jiġu stabbiliti minn regolamenti adottati skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15(3) TFUE [8].

6 Ara s-sentenza tad-9 ta' Novembru 2010, Volker und Markus Schecke u Eifert (C-92/09 u C-93/09, EU:C:2010:662, punt 68).

7 Ara s-sentenzi tal-21 ta' Settembru 2010, L-Isvezja *et* vs API u Il-Kummissjoni (C-514/07 P, C-528/07 P u C-532/07 P, EU:C:2010:541, punt 81), u tat-18 ta' Lulju 2017, Il-Kummissjoni vs Breyer (C-213/15 P, EU:C:2017:563, punt 50).

8 Ara s-sentenza tat-18 ta' Lulju 2017, Il-Kummissjoni vs Breyer (C-213/15 P, EU:C:2017:563, punt 48).

34. Minn dan niddeduċi li l-obbligi ta' trasparenza fuq il-BĊE fis-sitwazzjonijiet li fihom il-BĊE jeżerċita funzjonijiet mhux amministrattivi għandhom jiġu distinti minn dawk li huma imposti fuqu fis-sitwazzjonijiet fejn huwa jeżerċita funzjonijiet amministrattivi.

35. Il-fatt li meta huwa jeżerċita attivitajiet mhux amministrattivi, konformement mal-Artikolu 282 TFUE, b'mod partikolari fil-qasam tat-twettiq tal-politika monetarja, il-BĊE ma huwiex suġġett għall-obbligi ta' trasparenza hekk kif japplikaw fis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-ewwel u fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15(3) TFUE huwa ġġustifikat preċiżament fid-dawl tan-natura ta' dawn l-attivitajiet [9]. Fil-fatt, ma għandux jintesa li, bl-użu ta' din il-politika, il-BĊE għandu rwol kunsiderevoli fiż-żamma tal-istabbiltà tal-prezzijiet u tas-sistema finanzjarja.

36. F'dak li jirrigwarda, b'mod iktar speċifiku, il-Kunsill Regolatorju, dan ġie fdat bil-kompitu ewlieni li jifformula l-politika monetarja [10]. Barra minn hekk, kif turi din il-kawża, il-Kunsill Regolatorju jipparteċipa b'mod partikolari fil-proċessi li huma intiżi biex jingħataw fondi, permezz tat-tranżazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema, lill-entitajiet li jkunu f'diffikultà finanzjarja. Il-fatt li ċerta informazzjoni miżmuma mill-BĊE tkun magħmula disponibbli matul dawn il-proċessi biss għal dawk li jkunu talbuha jista', f'ċerti każijiet, joħloq riskju ta' spekulazzjoni ekonomika eċċessiva. Dan ir-riskju jista' jikkompromett i l-għanijiet imfittxija mill-BĊE [11].

37. F'dawn iċ-ċirkustanzi, biex il-BĊE jkun jista' jwettaq il-missjonijiet tiegħu b'mod awtonomu u effiċjenti, il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-korpi tiegħu għandu jiġi protett ukoll minn kwalunkwe pressjoni esterna, li jista' jiġi żgurat biss permezz tal-kunfidenzjalità ta' dan il-proċess [12]. Huwa għall-istess raġuni li d-dritt tal-Unjoni jipprovdi wkoll dispożizzjonijiet oħrajn li jfittxu, essenzjalment, li jipproteġu lill-BĊE mill-pressjoni politika kollha sabiex huwa jkun jista', b'mod effettiv, jilħaq l-għanijiet mogħtija lill-missjonijiet tiegħu, permezz tal-eżerċitar indipendenti tas-setgħat speċifiċi li huwa għandu għal dan il-għan [13].

38. Barra minn hekk, filwaqt li jirrikonoxxu l-partikolaritajiet tar-rwol eżerċitat mill-korpi deċiżjonali tal-BĊE, l-Istati Membri adottaw l-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE, li l-Artikolu 10.4 tiegħu jipprevedi li l-laqgħat tal-Kunsill Regolatorju huma kunfidenzjali u li huwa dan il-kunsill innifsu li jista' jiddeċiedi li jippubblika r-riżultat tad-deliberazzjonijiet tiegħu.

39. Minn dak kollu li ntqal iktar 'il fuq niddeduċi li, skont l-għażla intenzjonali tal-Istati Membri, il-proċess deċiżjonali tal-Kunsill Regolatorju ma huwiex irregolat minn obbligi ta' trasparenza hekk kif japplikaw fis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 15(3) TFUE. Dan ma jimplikax li dan il-proċess jaqa' barra mir-regoli tal-Unjoni dwar l-aċċess għad-dokumenti [14]. Madankollu, skont id-dispożizzjonijiet imsemmija fil-punti 33 sa 35 ta' dawn il-konklużjonijiet, f'dan il-kuntest, il-prinċipju ta' trasparenza jċedi postu għall-prinċipju ta' kunfidenzjalità.

40. Madankollu, il-qari tas-sentenza appellata jissuġġerixxi li, fir-rigward tar-riżultati tal-proċess deċiżjonali tal-Kunsill Regolatorju, il-prijorità tal-prinċipju ta' kunfidenzjalità fuq il-prinċipju ta' trasparenza hija rrifjutata abbażi tat-tieni sentenza tal-Artikolu 10.4 tal-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE, moqrija flimkien mal-Artikolu 4(1)(a) tad-Deċiżjoni 2004/258. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali tinterpreta

9 Ara, f'dan is-sens, Siekmann, H., "The Legality of Outright Monetary Transactions of the European System of Central Banks", f'Rövekamp, F., Bälz, M., Hilpert, H.G. (edituri), *Central Banking and Financial Stability in East Asia*, Springer International Publishing, Cham, Heidelberg, New York, Dordrecht, Londra, 2015, p. 114.

10 Ara Hofmann, H. C. H., "Monetary Policy and Euro Area Governance in the EMU", f'Hofmann, H. C. H., Rowe, G. C., Türk, A. H. (edituri), *Specialized Administrative Law of the European Union: A Sectoral Review*, Oxford University Press, Oxford, 2018, p. 250.

11 Ara, f'dan ir-rigward, Dawson, M., Maricut-Akbik, A., Bobić, A., "Reconciling Independence and accountability at the European Central Bank: The false promise of Proceduralism", *European Law Journal*, Vol. 25(1), 2019, p. 82 sa 85.

12 Ara, f'dan ir-rigward, Curtin, D., "'Accountable Independence' of the European Central Bank: Seeing the Logics of Transparency", *European Law Journal*, 2017, Vol. 23(1-2), p. 35.

13 Ara s-sentenza tal-10 ta' Lulju 2003, Il-Kummissjoni vs BĊE (C-11/00, EU:C:2003:395, punt 134).

14 Ara Rossi, L., Vinagre e Silva, P., *Public Access to Documents in the EU*, Hart Publishing, Oxford, 2017, p. 78.

l-fatt li l-Kunsill Regolatorju jista' jiddeċiedi li jiżvela r-riżultati tad-deliberazzjonijiet tiegħu fis-sens li dan il-kunsill għandu juża l-marġni ta' diskrezzjoni li huwa għandu, fir-rigward tar-rifjut li jagħti l-aċċess għad-dokumenti mitluba, fil-kundizzjonijiet u l-limiti tad-Deċiżjoni 2004/258. Konsegwentement, skont il-Qorti Ġenerali, meta jirrifjuta l-aċċess għal tali riżultati skont l-Artikolu 4(1)(a) tad-Deċiżjoni 2004/258, il-Kunsill Regolatorju għandu jipprovdi motivazzjoni ddettaljata li tippermetti lill-applikant jifhem u jivverifika kif, speċifikament u attwalment, l-aċċess għall-informazzjoni kien jippreġudika l-interess pubbliku f'dak li jirrigwarda l-kunfidenzjalità tad-deliberazzjonijiet tal-korpi deċiżjonali tiegħu. Għandha tiġi eżaminata l-fondatezza tal-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali li jipprovdu, minn naħa, li l-marġni ta' diskrezzjoni tal-Kunsill Regolatorju fir-rigward tal-iżvelar tar-riżultati tad-deliberazzjonijiet tiegħu huwa ddeterminat mid-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2004/258, b'tali mod li n-nuqqas ta' żvelar tagħhom jikkostitwixxi biss eċċezzjoni u, min-naħa l-oħra, rifjut ta' aċċess għal tali riżultati għandu jkun akkumpanjat minn motivazzjoni ddettaljata.

B. L-iżvelar tar-riżultati tad-deliberazzjonijiet tal-Kunsill Regolatorju

41. Fil-punti 76 sa 80 tas-sentenza appellata, li għalihom jirreferi l-punt 124 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li d-deċiżjonijiet tal-Kunsill Regolatorju, u, konsegwentement, anki l-minuti li jittrasponu dawn id-deċiżjonijiet, ma jibbenefikawx minn protezzjoni assoluta f'dak li jirrigwarda t-tixrid tagħhom, b'tali mod li n-nuqqas ta' żvelar tagħhom jikkostitwixxi biss eċċezzjoni. Il-Qorti Ġenerali enfasizzat li, skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 10.4 tal-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE, il-Kunsill Regolatorju jista' jiddeċiedi li jippubblika r-riżultat tad-deliberazzjonijiet tiegħu. Konsegwentement, il-marġni ta' diskrezzjoni li għandu l-Kunsill Regolatorju f'dan ir-rigward għandu jiġi eżerċitat fil-kundizzjonijiet u l-limiti tad-Deċiżjoni 2004/258, li l-għan tagħha huwa, żiedet il-Qorti Ġenerali, li tawtorizza l-iktar aċċess wiesa' possibbli għad-dokumenti tal-BĊE.

42. Madankollu ma iniex konvint minn dan il-qari tad-dispożizzjonijiet tal-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE kif ukoll minn dawk tad-Deċiżjoni 2004/258.

43. Għandu jiġi osservat, fl-ewwel lok, li, kuntrarjament għal dak li kkunsidrat il-Qorti Ġenerali, mill-premessa 3 tad-Deċiżjoni 2004/258 ma jirriżultax li l-aċċess *għad-dokumenti tal-BĊE* għandu jkun *l-iktar wiesa' possibbli* iżda li *għandu jingħata aċċess iktar wiesa' għal dawn id-dokumenti*. Din il-premessa tirrikonoxxi wkoll li għandu jingħata aċċess għad-dokumenti tal-BĊE filwaqt li fl-istess ħin jiġu protetti, minn naħa, l-indipendenza ta' dan tal-aħħar u, min-naħa l-oħra, il-kunfidenzjalità ta' ċerti kwistjonijiet speċifiċi għat-twettiq tal-missjonijiet tiegħu. Wieħed jista' għalhekk jargumenta li l-premessa li fuqha bbażat ruħha l-Qorti Ġenerali ma hijiex dik li fuqha hija bbażata din id-deċiżjoni.

44. Fit-tieni lok, skont l-istess premessa, *il-laqgħat tal-korpi deċiżjonali tal-BĊE huma kunfidenzjali, sakemm il-korp ikkonċernat ma jiddeċidix li jippubblika r-riżultat tad-deliberazzjonijiet tiegħu*, fatt li jirrifletti l-Artikolu 132(2) TFUE li jgħid li l-BĊE *jista' jiddeċiedi* li jippubblika d-deċiżjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet u l-opinjonijiet tiegħu. Din id-dispożizzjoni diġà talludi għas-setgħa diskrezzjonali tal-BĊE li jippubblika d-deċiżjonijiet tiegħu [15]. Fl-istess spirtu, it-tieni sentenza tal-Artikolu 10.4 tal-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE u l-Artikolu 23.1, *in fine*, tar-Regoli tal-Proċedura tal-BĊE jikkonfermaw is-setgħa diskrezzjonali tal-BĊE fir-rigward tal-iżvelar tad-deċiżjonijiet tiegħu. Fil-fatt, skont dawk id-dispożizzjonijiet, il-Kunsill Regolatorju *jista' jiddeċiedi* li jippubblika r-riżultat tad-deliberazzjonijiet tiegħu.

15 Ara Van Cleynenbreugel, P., "Confidentiality behind transparent doors: The European Central Bank and the EU law principle of openness", *Maastricht Journal of European and Comparative Law*, 2018, Vol. 25(1), p. 54. Inċidentalment, għandu jiġi rrilevat li, f'dan il-każ, ma hemm l-ebda kwistjoni dwar kif l-Artikolu 132(2) TFUE jorbot mal-Artikolu 297(2) TFUE, li jipprovdi li d-deċiżjonijiet, meta ma jindikawx destinatarju, jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Fil-fatt, id-deċiżjoni tat-28 ta' Lulju 2014 kienet tikkonċerna lil BES u għaldaqstant ma tistax tiġi kkunsidrata bħala deċiżjoni li ma tindikax id-destinatarju tagħha.

45. Huwa veru li d-dispożizzjonijiet kollha ċċitati iktar 'il fuq jipprevedu sfumaturi fir-rigward tal-prinċipju ta' kunfidenzjalità b'rabta mar-riżultati tad-deliberazzjonijiet tal-Kunsill Regolatorju. Fil-fatt, skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 10.4 ta' l-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE u l-Artikolu 23.1 tar-Regoli tal-Proċedura tal-BĊE, il-prinċipju ta' kunfidenzjalità japplika fir-rigward tal-laqgħat tal-Kunsill Regolatorju, filwaqt li, skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 10.4 ta' l-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE u l-Artikolu 23.1, *in fine*, tar-Regoli tal-Proċedura tal-BĊE, il-kunfidenzjalità tar-riżultati tad-deliberazzjonijiet tal-Kunsill Regolatorju għandha natura relattiva. Madankollu, kuntrarjament għal dak li kkonkludiet il-Qorti Ġenerali fil-punt 80 tas-sentenza appellata, dan ma jimplikax li l-livell ta' protezzjoni tar-riżultati tad-deliberazzjonijiet huwa, awtomatikament, inqas minn dak li jingħata lid-deliberazzjonijiet stess jew li n-nuqqas ta' żvelar tagħhom jikkostitwixxi biss eċċezzjoni.

46. Fil-fatt, xejn ma jindika li, permezz ta' dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet tal-aħħar, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried jidderoga mill-kunfidenzjalità tad-deliberazzjonijiet tal-Kunsill Regolatorju. Id-dispożizzjonijiet tat-TFUE u tal-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE jikkonferixxu lill-Kunsill Regolatorju l-fakultà li *jiddeċiedi* dwar l-iżvelar ta' tali riżultati, mingħajr ma jkun obbligat li jagħmel dan.

47. Il-formulazzjoni ekwivoka tal-Artikolu 4(1)(a) tad-Deċiżjoni 2004/258 ma tistax tikkontesta din il-kunsiderazzjoni.

48. Ċertament, huwa minnu li, fuq livell lingwistiku, it-termini tad-Deċiżjoni 2004/258 jistgħu jagħtu lil wieħed x'jifhem li r-rifjut ta' aċċess għad-deliberazzjonijiet tal-Kunsill Regolatorju skont l-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1)(a) ta' din id-deċiżjoni huwa possibbli biss bħala eċċezzjoni. Fil-fatt, l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2004/258 huwa intitolat "Eċċezzjonijiet". Il-kliem tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1)(a) ta' din id-deċiżjoni jidher li jissuġġerixxi wkoll li, bħala prinċipju, l-aċċess għad-dokumenti ta' tali deliberazzjonijiet għandu jingħata. Skont din id-dispożizzjoni, il-BĊE għandu jirrifjuta l-aċċess għal dokument fil-każ fejn l-iżvelar tiegħu jippreġudika l-protezzjoni tal-interess pubbliku, f'dak li jirrigwarda l-kunfidenzjalità tad-deliberazzjonijiet tal-korpi deċiżjonali tiegħu. Barra minn hekk, l-Artikolu 4(5) u (6) tad-Deċiżjoni 2004/258 juża l-kelma "eċċezzjoni" fir-rigward tal-każijiet kollha ta' rifjut, inkluż dak previst fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1)(a) ta' dik id-deċiżjoni.

49. Issa, għandu jiġi osservat, l-ewwel nett, li r-regoli tad-dritt sekondarju fil-qasam tal-aċċess għad-dokumenti ma jistgħux iwasslu sabiex l-esklużjoni tal-BĊE min-numru ta' istituzzjonijiet li għalihom japplika b'mod sħiħ il-prinċipju ta' trasparenza, skont l-Artikolu 15(3) TFUE tkun, fil-parti l-kbira, imċaħħda mill-effett utli tagħha. Barra minn hekk, dawn ir-regoli lanqas ma jistgħu jeskludu s-setgħa diskrezzjonali li għandu l-BĊE skont l-Artikolu 132(2) TFUE. Id-Deċiżjoni 2004/258 ma tistax għalhekk tikkonfuta l-loġika tad-dispożizzjonijiet kollha ċċitati iktar 'il fuq u tissostitwixxi l-prinċipju ta' kunfidenzjalità bil-prinċipju ta' trasparenza, b'tali mod li l-iżvelar tar-riżultati tad-deliberazzjonijiet tal-Kunsill Regolatorju jkun jikkostitwixxi l-prinċipju u l-kunfidenzjalità tagħhom tkun tikkostitwixxi biss eċċezzjoni.

50. Din il-konklużjoni hija kkorroborata mill-qari tal-premessi 3 u 4 tad-Deċiżjoni 2004/258, li minnhom jirriżulta li, meta adotta din id-deċiżjoni, il-leġiżlatur ma kellux l-intenzjoni li jidderoga mid-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju ċċitati fil-punt preċedenti ta' dawn il-konklużjonijiet.

51. Huwa minnu li l-premessa 4 tad-Deċiżjoni 2004/258 tista' tagħti x'jifhem li r-rifjut ta' aċċess skont l-Artikolu 4(1)(a) ta' din id-deċiżjoni jikkostitwixxi biss eċċezzjoni. Waqt li tagħmel riferiment għall-idea, stabbilita fl-ewwel parti tal-premessa 3 tal-imsemmija deċiżjoni, li għandu jingħata aċċess iktar wiesa' għad-dokumenti tal-BĊE, din il-premessa tippreċiża li, madankollu, ċerti interessi pubbliċi u privati għandhom jiġu protetti permezz ta' sistema ta' eċċezzjonijiet. Madankollu, kif jista' jiġi dedott mit-tieni parti ta' din il-premessa 3, dan l-aċċess iktar wiesa' li għalih l-eċċezzjonijiet huma awtorizzati għall-protezzjoni ta' ċerti interessi pubbliċi u privati ma jistax jippreġudika l-indipendenza tal-BĊE jew il-kunfidenzjalità ta' ċerti kwistjonijiet li jirrigwardaw it-twettiq tal-missjonijiet tiegħu u huwa f'dan

il-kuntest li l-laqgħat tal-korpi deċiżjonali tal-BĊE huma kunfidenzjali. Il-qari flimkien ta' dawn iż-żewġ premessi juri li, anki jekk tittieħed waħedha, id-Deċiżjoni 2004/258 ma hijiex intiża li tassimila l-eċċezzjoni stabbilita għad-deliberazzjonijiet tal-korpi ċċitati iktar 'il fuq, mal-eċċezzjonijiet l-oħra li din id-deċiżjoni tipprevedi.

52. Għall-fini ta' kompletezza, nippreċiża li, fil-fehma tiegħi, l-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni 2004/258 lanqas ma jiddefendi l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata. Skont din id-dispożizzjoni, l-eċċezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2004/258 għandhom japplikaw biss għall-perijodu li matulu l-protezzjoni hija ġġustifikata abbażi tal-kontenut tad-dokument. Madankollu, din id-dispożizzjoni ma tistax teskludi s-setgħa deċiżjonali li għandu l-Kunsill Regolatorju fuq il-bażi tad-dritt primarju fir-rigward tal-iżvelar tar-riżultati tad-deliberazzjonijiet tiegħu. Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-punt preċedenti ta' dawn il-konklużjonijiet, il-kuntest li tistabbilixxi d-Deċiżjoni 2004/258 ma jassimilax l-eċċezzjoni stabbilita għad-deliberazzjonijiet tal-korpi deċiżjonali tal-BĊE mal-eċċezzjonijiet l-oħra li din id-deċiżjoni tipprevedi.

53. Fit-tielet lok, wieħed jista' ċertament jistaqsi jekk l-Artikolu 4(1)(a) tad-Deċiżjoni 2004/258 jistax jiġi kkunsidrat bħala li jawtorizza, f'daqqa u *ex ante*, l-iżvelar tar-riżultat tad-deliberazzjonijiet kollha tal-Kunsill Regolatorju. Fil-fatt, id-Deċiżjoni 2004/258 ġiet adottata minn dan il-kunsill u, skont l-Artikolu 132(2) TFUE u t-tieni sentenza tal-Artikolu 10.4 tal-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE kif ukoll fl-Artikolu 23.1, *in fine*, tar-Regoli ta' Proċedura tal-BĊE, l-imsemmi kunsill jista' jiddeċiedi li jippubblika r-riżultat tad-deliberazzjonijiet tiegħu. F'dan il-kuntest, l-Artikolu 4(1)(a) tad-Deċiżjoni 2004/258 jikkostitwixxi awtorizzazzjoni ġenerali sabiex ir-riżultati tad-deliberazzjonijiet kollha jiġu ppubblikati.

54. Madankollu, hekk kif osserva l-BĊE waqt is-seduta, it-tieni sentenza tal-Artikolu 10.4 tal-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE ma tagħtix lill-Kunsill Regolatorju marġni ta' diskrezzjoni daqstant wiesa'. Għandu jiġi kkunsidrat li din id-dispożizzjoni tipprevedi possibbiltà, li dan il-bord jista' jeżerċita, *ex post* u *in concreto*, b'mod limitat. Kull interpretazzjoni oħra tippermetti lill-Kunsill Regolatorju li jevita l-għażla tal-Istati Membri dwar l-aċċess għad-dokumenti tal-BĊE, espressa fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 15(3) u fl-Artikolu 132(2) TFUE kif ukoll fl-Artikolu 10.4 tal-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE.

55. Mill-analiżi tiegħi jirriżulta li, għal dak li jirrigwarda d-deliberazzjonijiet tal-Kunsill Regolatorju, dawn huma koperti mill-prinċipju ta' kunfidenzjalità. Ir-riżerva li tirrigwarda l-fatt li l-Kunsill Regolatorju jista' jiddeċiedi li jippubblika r-riżultati tad-deliberazzjonijiet tiegħu u li tinsab f'diversi dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni ma tikkontestax din il-konklużjoni. Il-Kunsill Regolatorju għandu sempliċement setgħa diskrezzjonali sabiex jiddeċiedi li jiżvela tali riżultati, mingħajr ma jkun obbligat li jagħmel dan.

56. Issa għandu jiġi eżaminat punt finali, jiġifieri l-impatt fuq il-portata tal-obbligu ta' motivazzjoni fil-każ ta' rifjut ta' aċċess għad-dokumenti bbażat fuq l-Artikolu 4(1)(a) tad-Deċiżjoni 2004/258 tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, li jgħidu li, fl-ewwel lok, f'dak li jikkonċerna l-proċess deċiżjonali tal-Kunsill Regolatorju, il-prinċipju ta' trasparenza jċedi postu għall-prinċipju ta' kunfidenzjalità (ara l-punt 39 ta' dawn il-konklużjonijiet) u, fit-tieni lok, il-Kunsill Regolatorju għandu setgħa diskrezzjonali f'dak li jirrigwarda l-iżvelar tar-riżultati ta' dan il-proċess (ara l-punt 55 ta' dawn il-konklużjonijiet).

C. Il-motivazzjoni tar-rifjut ibbażat fuq l-Artikolu 4(1(a) tad-Deċiżjoni 2004/258

57. Huwa sintomatiku li, meta ddeċidiet fil-punt 124 tas-sentenza appellata li l-BĊE għandu jimmotiva kull deċiżjoni dwar talba għal aċċess għad-dokumenti meħuda abbażi tal-eċċezzjonijiet elenkati fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2004/258, il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq il-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 54 sa 56 ta' din is-sentenza u kkunsidrat li din kienet applikabbli fir-rigward tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1)(a) tad-Deċiżjoni 2004/258 b'analoġija.

58. Jiena għandi dubji fir-rigward ta' din l-analoġija.

59. Għandu jiġi osservat, l-ewwel nett, li s-siltiet tas-sentenza L-Isvezja u Turco vs Il-Kunsill [16], imsemmija mill-Qorti Ġenerali fil-punti 54 u 55 tas-sentenza appellata, jirrigwardaw biss ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 [17]. Sussegwentement, dan ir-regolament kien ukoll is-suġġett tal-parti l-kbira tas-sentenzi tal-Qorti Ġenerali msemmija fil-punti 54 sa 56 tas-sentenza appellata [18]. Fl-aħħar nett, għalkemm is-sentenza tal-Qorti Ġenerali Thesing u Bloomberg Finance vs BĊE [19], imsemmija fil-punt 55 tas-sentenza appellata, kienet tabilħaqq tirrigwarda d-Deċiżjoni 2004/258, madankollu s-suġġett tal-interpretazzjoni tal-Qorti Ġenerali f'din is-sentenza ma kienx l-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1)(a) ta' dik id-deċiżjoni, iżda t-tieni inċiż tal-Artikolu 4(1)(a). Anki hawnhekk, il-Qorti Ġenerali kienet barra minn hekk irreferiet, b'analoġija, għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar ir-Regolament Nru 1049/2001.

60. F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, għandu jiġi osservat li, skont ġurisprudenza stabbilita, ir-Regolament Nru 1049/2001 huwa intiż li jagħti lill-pubbliku dritt ta' aċċess l-iktar wiesa' possibbli għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni [20]. Bl-użu ta' formulazzjoni kważi identika, fil-punt 80 tas-sentenza appellata, li għalih isir riferiment fil-punt 124 ta' dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali indikat li d-Deċiżjoni 2004/258 hija intiża li tawtorizza *l-iktar aċċess wiesa' possibbli* għad-dokumenti tal-BĊE. Issa, kif indikajt fil-punt 43 ta' dawn il-konklużjonijiet, dik id-deċiżjoni hija *intiża biss sabiex testendi* l-aċċess għad-dokumenti tal-BĊE, meta mqabbla mar-regolamenti preċedenti.

61. It-tieni nett, jista' jiġi dedott mis-sentenza Baumeister [21] li għandha tintuża l-prudenza meta wieħed jagħmel analoġiji bejn, minn naħa, is-sistema ta' aċċess għad-dokumenti stabbilita mir-Regolament Nru 1049/2001 u, min-naħa l-oħra, is-sistemi previsti minn strumenti ġuridiċi oħra tad-dritt tal-Unjoni.

62. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fid-dawl tal-għan tiegħu li jagħti lill-pubbliku dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni li jkun l-iktar wiesa' possibbli, ir-Regolament Nru 1049/2001 jimponi, bħala prinċipju, fuq l-istituzzjoni tal-Unjoni li għandha l-intenzjoni li tirrifjuta l-aċċess għal dokument, li tipprovdi spjegazzjonijiet fir-rigward tal-kwistjoni dwar kif l-aċċess għal dan id-dokument jista' konkretament jippreġudika l-interess protett minn waħda mill-eċċezzjonijiet previsti fid-dritt ta' aċċess inkwistjoni [22]. Huwa f'termini kważi identiċi li, fil-punt 124 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali rriproduċiet din is-silta, sabiex tapplikaha fil-konfront tar-rifjut tal-BĊE bbażat fuq l-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1)(a) tad-Deċiżjoni 2004/258.

63. Madankollu, ir-Regolament Nru 1049/2001 japplika fis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 15(3) TFUE li, fl-osservanza tal-prinċipju ta' trasparenza, jistabbilixxi l-iktar aċċess wiesa' possibbli għad-dokumenti miżmuma mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni [23]. Issa, it-talba ta' aċċess għad-dokumenti f'din il-kawża taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-raba' subparagrafu tal-Artikolu 15(3) TFUE.

16 Sentenza tal-1 ta' Lulju 2008, L-Isvezja u Turco vs Il-Kunsill (C-39/05 P u C-52/05 P, EU:C:2008:374, punt 48).

17 Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

18 Sentenzi tal-11 ta' Marzu 2009, Borax Europe vs Il-Kummissjoni (T-121/05, mhux ippubblikata, EU:T:2009:64, punt 37); tat-12 ta' Settembru 2013, Besselink vs Il-Kunsill (T-331/11, mhux ippubblikata, EU:T:2013:419, punti 96 u 99), u tad-29 ta' Ottubru 2015, Il-Litwanja vs Il-Kummissjoni (T-110/13, mhux ippubblikata, EU:T:2015:818, punt 61).

19 Sentenza tad-29 ta' Novembru 2012, Thesing u Bloomberg Finance vs BĊE (T-590/10, mhux ippubblikata, EU:T:2012:635, punt 42).

20 Ara s-sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, ClientEarth vs Il-Kummissjoni (C-612/13 P, EU:C:2015:486, punt 57).

21 Sentenza tad-19 ta' Ġunju 2018, Baumeister (C-15/16, EU:C:2018:464, punti 41 u 42).

22 Ara s-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2018, Baumeister (C-15/16, EU:C:2018:464, punti 41 u 42).

23 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Lulju 2017, Il-Kummissjoni vs Breyer (C-213/15 P, EU:C:2017:563, punt 49).

64. Barra minn hekk, fis-sentenza Baumeister [24], il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet distinzjoni ċara bejn l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal aċċess għad-dokumenti li jirrigwardaw ir-Regolament Nru 1049/2001 u l-ipproċessar ta' dawk li jirrigwardaw l-Artikolu 54(1) tad-Direttiva 2004/39/KE [25], intitolat "Is-Segretezza professjonali". Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li r-Regolament Nru 1049/2001 jimponi, bħala prinċipju, fuq l-istituzzjoni tal-Unjoni li għandha l-intenzjoni li tirrifjuta l-aċċess għal dokument li tipprovdi spjegazzjonijiet fir-rigward tal-kwistjoni dwar kif l-aċċess għal dan id-dokument jista' konkretament jippreġudika l-interess protett minn waħda mill-eċċezzjonijiet previsti fid-dritt ta' aċċess inkwistjoni. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-awtoritajiet kompetenti, meta huma jqisu li l-informazzjoni mitluba hija kunfidenzjali fis-sens tal-Artikolu 54(1) tad-Direttiva 2004/39, jistgħu jagħtu segwitu għal tali talba biss fil-każijiet elenkati b'mod limitat f'din id-dispożizzjoni [26].

65. Wieħed jista' għalhekk jargumenta li, filwaqt li s-sistema tar-Regolament Nru 1049/2001 tagħti prijorità lill-prinċipju ta' trasparenza, dik tal-Artikolu 54(1) tad-Direttiva 2004/39 titlaq mill-premessa li l-informazzjoni li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha hija koperta mill-prinċipju ta' kunfidenzjalità. Din id-distinzjoni tkompli tipproduċi l-effetti tagħha fuq il-livell tal-portata tal-obbligu ta' motivazzjoni fil-każ ta' rifjut ta' aċċess għad-dokumenti mitluba.

66. Dan premess, għandu jiġi osservat li l-Artikolu 4(1)(a) tad-Deċiżjoni 2004/258, moqri flimkien mar-raba' subparagrafu tal-Artikolu 15(3) TFUE, mal-Artikolu 10.4 tal-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE kif ukoll mal-Artikolu 23.1 tar-Regoli ta' Proċedura tal-BĊE, jitlaq ukoll mill-premessa li d-deliberazzjonijiet tal-Kunsill Regolatorju huma koperti mill-prinċipju ta' kunfidenzjalità. Konsegwentement, id-differenzi li jeżistu, fir-rigward tal-portata tal-obbligu ta' motivazzjoni fil-każ ta' rifjut, bejn is-sitwazzjonijiet koperti mir-Regolament Nru 1049/2001 u dawk koperti mill-Artikolu 54(1) tad-Direttiva 2004/39 għandhom jeżistu wkoll bejn, minn naħa, id-dispożizzjonijiet kollha dwar l-iżvelar tar-riżultati tad-deliberazzjonijiet tal-Kunsill Regolatorju u, min-naħa l-oħra, ir-Regolament Nru 1049/2001. Għaldaqstant, l-analoġija kkonstatata mill-Qorti Ġenerali bejn il-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 54 sa 56 tas-sentenza appellata u l-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1)(a) tad-Deċiżjoni 2004/258 ma tistax tintlaqa'.

67. Fl-aħħar nett, it-tielet nett, il-ġurisprudenza dwar ir-Regolament Nru 1049/2001 turi li, anki fil-kuntest tas-sistema ta' aċċess għad-dokumenti li jistabbilixxi dan ir-regolament, huwa possibbli li tiġi rrikonoxxuta l-eżistenza ta' preżunzjonijiet ġenerali li l-iżvelar tad-dokumenti mitluba, bħala prinċipju, idgħajjef il-protezzjoni tal-interessi jew tal-għanijiet li, skont dak ir-regolament, jistgħu jiġġustifikaw ir-rifjut tal-aċċess [27]. F'każ bħal dan, huwa obbligu ta' min jitlob l-aċċess li juri li d-dokument li tiegħu qiegħed jitlob l-iżvelar ma huwiex kopert mill-imsemmija preżunzjoni [28]. Għalhekk, anki jekk wieħed jikkunsidra li d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt primarju u tad-dritt sekondarju, inkluż l-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1)(a) tad-Deċiżjoni 2004/258, jistabbilixxu din il-preżunzjoni biss għar-riżultat tad-deliberazzjonijiet tal-Kunsill Regolatorju, il-Qorti Ġenerali ma setgħetx, fl-assenza ta' elementi li jistgħu jikkonfutaw din il-preżunzjoni ġenerali, tikkunsidra li l-BĊE ma kienx immotiva r-rifjut tiegħu b'mod suffiċjenti.

68. Konsegwentement, is-sentenza appellata għandha tiġi annullata minħabba l-iżball ta' liġi li hija vvizzjata bih u li jikkonsisti f'interpretazzjoni ineżatta tal-Artikolu 10.4 tal-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE u tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1)(a) tad-Deċiżjoni 2004/258, sa fejn il-Qorti Ġenerali injorat id-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju li jistabbilixxu prinċipji fil-qasam tal-aċċess għad-dokumenti

24 Sentenza tad-19 ta' Ġunju 2018, Baumeister (C-15/16, EU:C:2018:464, punti 42 u 43).

25 Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 263).

26 Ara s-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2018, Baumeister (C-15/16, EU:C:2018:464, punti 42 u 43).

27 Ara, fir-rigward tal-preżunzjoni ġenerali stabbilita għall-fajls amministrattivi fil-kuntest tat-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001, is-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2010, Il-Kummissjoni vs Technische Glaswerke Ilmenau (C-139/07 P, EU:C:2010:376, punt 61).

28 Ara s-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2010, Il-Kummissjoni vs Technische Glaswerke Ilmenau (C-139/07 P, EU:C:2010:376, punti 62, 68 u 70).

tal-BĊE. F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li l-aggravju uniku jintlaqa' u li jiġi annullat l-ewwel punt tad-dispożittiv tas-sentenza appellata, inkwantu annulla d-deċiżjoni kontenzjuża fejn hija rrifjutat l-aċċess għall-ammont ta' kreditu li jidher fis-siltiet mill-minuti tad-deċiżjoni tal-Kunsill Regolatorju tal-BĊE tat-28 ta' Lulju 2014. F'dan il-kuntest, għandu jiġi osservat li t-talbiet magħmula mill-BĊE ma għandhomx bħala suġġett ir-rifjut tal-aċċess għall-informazzjoni moħbija fil-proposti tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE tat-28 ta' Lulju u tal-1 ta' Awwissu 2014. Għaldaqstant, għandu jiġi kkunsidrat li l-BĊE ma jikkontestax is-sentenza appellata inkwantu din annullat id-deċiżjoni kontenzjuża fir-rigward ta' dawn il-proposti jew, fi kliem ieħor, li l-BĊE jaċċetta s-sentenza appellata inkwantu din tirrigwarda l-imsemmija proposti.

69. B'mod konformi mat-tieni sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, din tal-aħħar tista', f'każ ta' annullament tad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, tiddeċiedi hija stess definittivament il-kawża meta din tkun fi stat li tiġi deċiża. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, inqis li l-kawża hija fi stat li tiġi deċiża, inkantu din tirrigwarda r-rifjut li jingħata aċċess għall-ammont ta' kreditu li jidher fis-siltiet mill-minuti tad-deċiżjoni tal-Kunsill Regolatorju tal-BĊE tat-28 ta' Lulju 2014. Fil-fatt, għall-kuntrarju ta' dak li kkunsidrat il-Qorti Ġenerali fil-punt 124 tas-sentenza appellata, il-BĊE ma kienx obbligat li jipprovdi motivazzjoni meta huwa rrifjuta l-aċċess għall-informazzjoni li tinsab f'dawn is-siltiet.

70. Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-appell ikun fondat u l-Qorti tal-Ġustizzja taqta' l-kawża definittivament hija stess, hija għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. Konformement mal-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura msemmija iktar 'il fuq, applikabbli għall-proċedura ta' appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tal-istess regoli, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż jekk dawn ikunu ġew mitluba. Madankollu, skont l-Artikolu 138(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, jekk il-partijiet jitilfu rispettivament fuq waħda jew iktar mit-talbiet tagħhom, kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha. Skont l-analiżi tiegħi, ir-riżultat definittiv tal-kawża jiġi emendat permezz tal-appell tal-BĊE biss għal dak li jirrigwarda r-rifjut li jingħata aċċess għall-ammont tal-kreditu li jidher fl-estratti tal-minuti tad-deċiżjoni tal-Kunsill Regolatorju tal-BĊE tat-28 ta' Lulju 2014. Għalhekk, fil-fehma tiegħi, ma għandhiex tingħata deċiżjoni fis-sens li l-ispejjeż marbuta mal-proċedura tal-ewwel istanza kif ukoll dawk marbuta mal-proċedura tal-appell li jwasslu għall-annullament tas-sentenza appellata tal-Qorti Ġenerali jiġu sostnuti skont il-modalitajiet iddeterminati fil-punt 3 tad-dispożittiv tagħha, skont liema ESF u l-BĊE għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom, iżda fis-sens li, minbarra l-ispejjeż tagħha, ESF għandha tbati terz ta' dawk sostnuti mill-BĊE.

71. Bħala rimarka finali, għandi nindika li jiena konxju mill-fatt li parti mill-kummentarji tikkunsidra li l-BĊE għandu jżid il-grad ta' trasparenza tiegħu, b'mod partikolari billi jippubblika d-deliberazzjonijiet tal-Kunsill Regolatorju [29]. Madankollu, l-analiżi tiegħi, f'dawn il-konklużjonijiet, hija bbażata fuq il-kuntest ġuridiku fis-seħħ. Minn dan il-kuntest ġuridiku jirriżulta li, skont ir-rieda (deċiżjoni intenzjonali) tal-Istati Membri, il-proċess deċiżjonali tal-BĊE jibbenefika mill-kunfidenzjalità u li s-setgħa li jiddeċiedi li jiżvela r-riżultati ta' dan il-proċess ġiet fdata lill-Kunsill Regolatorju.

72. Madankollu, sabiex jiġu rrikonċiljati, minn naħa, il-kunfidenzjalità tad-deliberazzjonijiet tal-Kunsill Regolatorju u tar-riżultati tagħhom u, min-naħa l-oħra, l-interess tal-kredibbiltà tal-BĊE [30], il-Kunsill Regolatorju jista', billi jeżerċita s-setgħa diskrezzjonali tiegħu, jiddeċiedi li jiżvela biss parti mir-riżultati tad-deliberazzjonijiet tiegħu. Fil-fatt, jekk il-Kunsill Regolatorju jista' jiddeċiedi li ma jiżvelax tali

29 Ara, b'mod partikolari, Diana, G., "Transparence, responsabilité et légitimité de la Banque Centrale Européenne", *Bulletin de l'Observatoire des Politiques Économiques en Europe*, 2008, Nru 18, p. 11 sa 13. Ara wkoll, f'dan is-sens, *European Added Value Unit, Towards a genuine Economic and Monetary Union*, 2012, www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/note/join/2012/494458/IPOL-JOIN_NT(2012)494458_EN.pdf, p. 12.

30 Ara, dwar din il-problema, de Haan, J., Eijffinger, S. C. W., Waller, S., *The European Central Bank. Credibility, Transparency and Centralization*, MIT Press, Cambridge, Massachusetts – Londra, 2005, p. 123 sa 125.

riżultati, huwa jista', *a fortiori*, jiddeċiedi li jagħmel dan parzjalment. L-Artikolu 4(5) tad-Deċiżjoni 2004/258 jikkorrobora din l-interpretazzjoni. Skont din id-dispożizzjoni, jekk partijiet biss tad-dokument mitlub ikunu koperti minn xi eċċezzjoni, il-biċċiet l-oħra tad-dokument għandhom jiġu żvelati. Għandu jiġi enfasizzat li l-BĊE għamel dan f'dan il-każ.

VII. Konklużjoni

73. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, inqis li l-aggravju uniku invokat mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għandu jintlaqa' u nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi kif ġej:

1) L-ewwel punt tad-dispożittiv tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-26 ta' April 2018, Espírito Santo Financial (Portugal) vs BĊE (T-251/15, mhux ippubblikata, EU:T:2018:234), inkwantu annulla d-deċiżjoni tal-BĊE tal-1 ta' April 2015 li tirrifjuta parzjalment l-aċċess għal ċerti dokumenti relatati mad-deċiżjoni tal-BĊE tal-1 ta' Awwissu 2014 dwar Banco Espírito Santo SA sa fejn hija rrifjutat l-aċċess għall-ammont ta' kreditu li jidher fl-estratti tal-minuti tad-deċiżjoni tal-Kunsill Regolatorju tal-BĊE tat-28 ta' Lulju 2014, huwa annullat.

2) It-talba fir-rigward tar-rifjut tal-BĊE li jiżvela l-ammont tal-kreditu muri fis-siltiet mill-minuti tad-deċiżjoni tal-Kunsill Regolatorju tat-28 ta' Lulju 2014 hija miċħuda.

3) Espírito Santo Financial (Portugal), SGPS, SA hija kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha, terz ta' dawk sostnuti mill-BĊE fl-ewwel istanza kif ukoll fil-proċedura tal-appell.

4) Il-BĊE huwa kkundannat ibati żewġ terzi tal-ispejjeż tiegħu fl-ewwel istanza kif ukoll fil-proċedura tal-appell.